# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-27 ta' Frar, 2017

Appell Nru: 71/2015

**Il-Pulizja**

**Spettur Pierre Grech**

**Vs**

**Rita Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellata Rita Camilleri detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 193070M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Dicembru 2009 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga

msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bieghet jew xort'ohra traffikat ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Bieghet jew xort'ohra traffikat il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kellha fil-pussess taghha l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Ittentat taghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew hajjret jew gieghlet persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Frar, 2015, li biha ma sabitx htija fiha u lliberatha;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-19 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara s-sentenza nulla u tipprocedi biex tibghat l-atti mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Magistrati ai termini tal-artikolu 428 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-Avukat Generali u lill-abbli difensur tal-appellata;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell interpost mill-Avukat Generali fuq l-aggravju singolari li fih jargumenta illi s-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad hija karenti minn formalita' rikjesta mill-ligi procedurali li ghandu jwassal ghall-konsegwenzali nullita' taghha;

2. Ezaminati l-atti jemergi b'mod indiskutibbli illi l-procediment penali mertu tal-kwistjoni hawn devoluta sehh kontra **Rita Camilleri nee Grech, karta tal-identita' numru 193070M.** Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Frar, 2015 mertu ta' din il-lanjanza hija intestata **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Rita Camilleri (ID 193070(M))**. L-istess sentenza imbaghad tibda hekk:

> *Il-Qorti;*
>
> *Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Elaine Rapinett, detentrici tal-karta tal-identita' bin numru 115684(M);*

Minn hemm 'l quddiem, ghalkemm il-bqija tal-fatti tal-kaz jirrigwardaw l-*iter* processwali kontra l-appellata Rita Camilleri, mkien ma tissemma espressament b'isimha u referenza ghaliha issir bhala l-imputata;

3. L-Avukat Generali ghalhekk jillanja illi dan huwa nuqqas procedurali serju li jirrendi s-sentenza nulla ghaliex inghatat kontra persuna estranea ghall-dawk il-proceduri. L-abbli difensur tal-appellata, jirribatti dan l-argument u jitlob li dan ghandu jitqies bhala *lapsus calami* li ma ghandux iwassal ghat-thassir u revoka tas-sentenza;

4. L-appellant izda ghandu ragun. Fl-istess sentenza taghha, l-ewwel Qorti effettivament prolatat sentenza kontra persuna estranea ghall-dawn il-proceduri. Dan ma jistghax jitqies bhala *lapsus calami* ghaliex l-effetti ta' dan l-izball huma ta' konsegwenzi varji u ma jistghax jitqies b'serenita' li din is-sentenza inghata kontra l-appellata b'konkluzzjoni tal-proceduri kriminali kontra taghha;

5. Fejn l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi meta l-qorti taghti s-sentenza kontra **l-imputat**, inosservanza jew, bhal f'dan

il-kaz, indikazzjoni erronea tal-imputata u konnotati taghha jammonta ghall-nuqqas ta' formalita' essenzjali bil-konsegwenzjali nullita. Is-sentenza appellata ghalhekk tippekka minhabba karenza f'element essenzjali bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali

6. Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-Avukat Generali qed ikun milqugh u s-sentenza appellata qed tkun mhassra fl-intier taghha. Filwaqt illi tordna li l-appellata ghanda titqieghed fil-posizzjoni li kienet qabel l-ghoti tas-sentenza hawn mhassra, fit-termini tal-artikolu 428(3) ser tghaddi biex tisma u tiddeciedi l-kawza mill-gdid.